**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Rabat, Città Victoria**

**IT-TMIEN LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru KLR48/VIII/2023**

**Il-Ħamis, 5 t'Ottubru, 2023**

Saret il-laqgħa tal-Kunsill Lokali fl-uffiċju amministrattiv tal-Kunsill, nhar il-Ħamis, 5 t' Ottubru 2023, fil-17:00.

**Preżenti:**
Is-Sur Josef Schembri – Sindku
Is-Sur Brian Azzopardi – Viċi Sindku
Is-Sur Michel Buttigieg – Kunsillier
Is-Sur Joseph Debrincat - Kunsillier
Is-Sur Marcell Tabone – Kunsillier
Is-Sur Charlie Hili – Kunsillier
Is-Sinjorina Maria Portelli – Kunsillier

**Uffiċjal Preżenti:**
Is-Sinjura Miriam Attard – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Josef Schembri ppressjeda l-laqgħa.

**48.1 Talba**

Il-laqgħa bdiet fil-17:00. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

**48.2 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

Ma kienx hemm ittri t'apoloġija.

**48.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

48.3.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 47 ġew iċċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

48.3.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjoni li seta' kien hemm mill-minuti.

48.3.3 Ma kienx hemm korrezzjonijiet u l-minuti ġew approvati.

**48.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

48.4.1 Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand ir-Rettur tal-Knisja ta' Savina rigward l-aċċessibilita' tal-istess knisja. Qed ikun il-każ li jkun hemm vetturi pparkjat fil-parti l-wiesgħa tal-bankina quddiem il-bieb prinċipali. Bħalissa tpoġġew *barriers* tal-pulizija b'mod temporanju. Il-membri qablu li jitpoġġew *bollards* b'mod li ma jitħallewx vetturi jipparkjaw u l-bankina tkun aċċessibbli għall-siġġu tar-roti.

48.4.2 Is-Sindku għarraf lill-membri li minn naħa tad-Dipartiment ta' l-Agrikultura, nżabru s-siġar ta' Pjazza Santu Wistin u ta' Triq Vajrinġa.

48.4.3 Is-Sindku għarraf lill-membri li l-permess li tlabna lill-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex inpoġġu *bring-in site* ġdida fi Triq Giorgio Borg Olivier ma nħariġx, peress li ma kienx hemm il-*clearance* minn naħa ta' Transport Malta għax l-*area* ser tintuża mill-*mini train* tat-turisti. Il-membri qablu li l-Kunsill jissottometti applikazzjoni oħra fejn jipproponi li l-*bring-in site* issir fil-parkeġġ iż-żgħir fi Pjazza l-Assedju t'Għawdex.

**48.5 Korrispondenza, ilmenti u suġġerimenti**

Tressqet korrispndenza mingħand:-

48.5.1 il-President tal-European Committee of the Regions, fejn il-Kunsilli ġew irringrazjati talli pparteċipaw fil-kamp tat-tfal Ukreni li ġew f'Għawdex f'Settembru li għadda;

48.5.2 l-Information Management Unit (IMU) fi ħdan il-Ministeru għall-Wirt Kulturali, l-Arti u l-Gvern Lokali rigward il-proġett 'Explore Malta'. Se jitpoġġew *beacons* li minnhom, permezz ta' App tinħareġ informazzjoni fuq siti ta' nteress. Il-membri qablu li jintbgħatu dettalji ta' diversi siti, binjiet u monumenti li hawn fir-Rabat;

48.5.3 id-Diviżjoni għal Gvern Lokali rigward Local Government Reform Assistance – Workstream 4 – EU Initiative;

48.5.4 l-AKL – Cir AKL 2023/086 – President's Fun Run 2023. Il-Kunsill aċċetta li joffri trasport lir-residenti li ser jipparteċipaw fil-Fun Run;

48.5.5 Dynamic Events rigward il-'Gozo Business Awards & Gozo Environmental Awards 2023;

48.5.6 resident li qed jibni fi Triq Wied il-Lunzjata fejn qal li l-friegħi tas-siġra jistgħu joħolqu perikulu għad-dar tiegħu. Il-perit tal-Kunsill ġie mistoqsi sabiex ikun jaf jekk hemmx bżonn permess tal-ERA biex din is-siġra tinżabar;

48.5.7 Il-Kunsill Reġjonali ta' Għawdex fejn il-Kunsilli Lokali ġew mgħarrfa li fir-rigward tal-installazjoni ta' CCTV cameras għal raġunijiet ta' sigurta, l-Enemalta ma għandha ebda' awtorita' biex tinnegozja rati jew tibdilhom peress li dawn huma stabbiliti bil-liġi u mir-regolatur;

48.5.8 resident li ġarrab ħsara fil-karozza peress li kien hemm ħofra kbira fi Triq Patri Anton Debono. Wara li ġie evalwat ir-rapport tal-Pulizija, il-membri qablu li jitħallsu l-ispejjeż li jammontaw għall-€115.

**48.6 CCTVs taċ-Ċawla H.E.**

48.6.1 Is-Sindku għarraf lill-membri preżenti li fl-1 ta'Settembru, 2023 saret laqgħa fuq il-post mal-kuntrattur. Kien hemm preżenti wkoll il-kunsillier Buttiġieġ.

48.6.2 Rigward is-CCTVs li diġa tpoġġew taċ-Ċawla, dawn jaħdmu. Baqa' jsiru żewġ arbli ġodda u l-kuntrattur għandu jikkomunika mal-Kunsill sabiex jitmexxa l-proċess. Il-membri qablu li waqt li jkun qed isir ix-xogħol, il-kuntrattur għandu jkollu TM officer miegħu.

**48.7 Ġemellaġġ – Nichelino**

48.7.1 Is-Sindku qal li ż-żjara f'Nichelino ħalliet il-frott mixtieq u tkomplew il-kuntatti mal-Comune ta' din il-Belt. Jidher li għandhom ix-xewqa li jissaħħu l-iskambji fuq sport u studenti li jitgaħllmu l-Ingliż ma' studenti tas-6th Form t'Għawdex. Tressqet ukoll proposta fuq proġett sabiex jitqajmu fran antiki tal-ħobż fiż-żewġ lokalitajiet.

48.7.2 Il-membru Buttiġieġ issuġerixxa li l-Kunsill għandu jesplora l-possbilita' li jsir ukoll ġemellaġġ ma' Caluire et Cuire li hi lokalita' fi Franza li l-Belt ta' Nichelino hi ġemellata wkoll magħha.

48.7.3 Il-Viċi Sindku qal li għat-tkomplija ta' dan il-ġemellaġġ inħatar sotto-kumitat li fih kien hemm l-eks Sindku Paul Galea u Alvin Scicluna li għandhom diversi kuntatti u b'hekk il-Kunsill għandu garanzija li dan il-ġemellaġġ jissaħħaħ. L-ammont sostanzjali tax-xogħol sar minn naħa ta' Paul Galea u s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill u għandhom jiġu rringrazjati. Qal li permezz ta' Paul Galea ltaqa ma' rappreżentant ta' tim tal-futbol li kien fil-komunita' ta' Dun Joe. Xtaq aktar organizzazzjoni fejn kien hemm pjanat li jsiru d-diskorsi. Dawn kienu organizzati minn naħa ta' Nichelino. Tenna li f'okkażjonijiet bħal dawn il-*focus* għandu jkun fuq il-membri tal-Kunsill.

48.7.4 Il-membru Debrincat qal li fuq il-*panels,* jekk ser ikun hemm membru tal-Kunsill għandu jkun hemm wisa' għal kull membru ieħor u jkunu jafu minn qabel. Issuġġerixxa li l-pass li jmiss għandu jkun skambji tar-residenti fejn grupp jiġi minn Nichelino f'Diċembru u nieħdu grupp ta' residenti Rabtin fi Frar 2024.

48.7.5 Il-membri qablu li għandha tintbagħat ittra ta' ringrazzjament lill-Parroċċa ta' Nichelino talli ospitat il-kunċert mużikali fil-Knisja.

48.7.6 Il-membru Ħili ssuġġerixxa li jsiru skambji ta' fotografi Rabtin ma' oħrajn minn Nichelino.

48.7.7 Il-membri qablu li ssir ittra ta' ringrazzjament lil Paul Galea tal-inizjattiva u l-kuntatti li għandu li kienu strumentali biex din iż-żjara tkun suċċess.

48.7.8 Qablu wkoll li ssir ittra ta' ringrazzjament lill-Assessore ai Gemellaggi u nagħtu feedback ta' x'jista jsir aktar il-quddiem fi skambji sportivi u tal-istudenti.

---

Il-membru Buttiġieġ ħareġ mil-laqgħa.

---

Daħlet il-membru Portelli għall-laqgħa.

**48.8 Immaniġġjar tat-Traffiku**

Il-membri qablu li jintalab il-permess ta' Transport Malta (TM) biex:-

48.8.1 isir parkeġġ riservat għall-iskola 'Bishop's Conservatory Secondary School' fil-ġranet tal-iskola biss;

48.8.2 issir *un/laoding bay* ta' 'DFusion Food, Bakery & Confectionery' fi Triq Karolina Cauchi;

48.8.3 issir *un/laoding bay* ta' 'DP Int. Mini Market' fi Triq Karolina Cauchi;

48.8.4 issir *un/laoding bay* ta' 'ElektroPolis' fi Triq Kerċem';

48.8.5 isiru l-parkeġġi fi Triq l-Imblokk tal-Franċiżi;

48.8.6 isiru l-parkeġġi fi Triq Patri Ġiaċintu Camenzuli;

48.8.7 isiru *yellow lines* mal-garaxx u tabella *no right turn* faċċata tal-garaxx tal-Arkadia fi Triq Karlu Galea.

48.8.8 Tressqet Cir AKL/2023/085 dwar Skemi ta' parkeġġi residenzjali. Din l-iskema qed tigi riveduta. Il-membri qablu li għandhom jiżdiedu t-toroq f'din l-iskema. Dawn huma t-toroq Karlu Galea, Universitas, Tal-Far, Kunsill Ċiviku, Viani, Muniċipju Ruman, Pjazza J.F. Kennedy, San Ġuże' Labre', 8 ta' Diċembru, Sant' Ursola, Dun Pawl Micallef u San Ġwann Bosco.

48.8.9 Il-membri qablu li għandhu jiġi proposti lill-TM sabiex Triq Duminku Mintoff ma jitħalliex li jsir parkeġġ fiha l-ħin kollu.

**48.9 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti**

48.9.1 Ġew approvati l-pagamenti għax-xahar ta' Ottubru 2023 skond dokument A anness.

**48.10 Xogħlijiet oħra**

Il-membri qablu li:-

48.10.1 is-Sindku għandu jressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill Reġjonali ta' Għawdex il-problema li qed jiltaqgħu magħha l-ħaddiema tal-Kunsill li jamministraw il-permessi li jinħarġu fir-rigward tad-depożitu ta' krejn jew makkinarju fit-toroq. Qed tinstab problema meta kuntratturi jmorru fuq is-sit tax-xogħol u jsibu vetturi pparkjati. F'Għawdex il-LESA m'għandiex min jieħu ħsieb li dawn jitneħħew. Il-Pulizija u Transport Malta jgħidu li ma jistgħux jidħlu fiha u dan mhux aċċettabbli.

48.10.2 l-Kunsill jgħin fil-loġistika taż-żewġ opri li jsiru f'Ottubru fiż-żewġ Teatri tar-Rabat;

48.10.3 jinbeda l-proċess biex jinżabbru s-siġar fl-area taċ-Ċawla H.E. u jinħartu s-soft areas.

48.10.3 Il-membri ġew mgħarfa li daħlu l-fondi minn Eko-Għawdex li kienu relatati mal-proġett tar-restawr tal-istatwi taz-zuntier ta’ Pjazza Santu Wistin.

**48.11 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-19:30 u kien hemm qbil unanimu bejn il-membri li d-data tal-laqgħa tiġi miftehma aktar ’il quddiem.

Konfermati, illum, il-Ħamis, 9 ta’ Novembru, 2023.

| | |
|---|---|
| Josef Schembri<br>Sindku | Miriam Attard<br>Segretarju Eżekuttiv |